**Qorti Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti, LL.M., LL.D.

**Att tal-Akkuza Nru. 7/2017**

**Ir-Repubblika Ta' Malta**

**Vs**

**Patryk Henryk Stawicki**

Illum, 5 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Patryk Henryk Stawicki, detentur tal-karta tal-Identita' Pollakka bin-numru AUD690099 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fid-19 ta' Marzu, 2017 u fil-gimghat ta' qabel din id-data :

1. Importa, jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-

Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tiprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tad-19 ta' Marzu, 2017 skond il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex Patryk Henryk Stawicki jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u jwiegeb ghal-ksur tal-Ordinanza Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tat-22 ta' Awwissu, 2017 registrat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fejn l-akkuzat allura imputat Patryk Henryk Stawicki ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni;

Rat l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kif registrata fil-verbal tat-22 ta' Awwissu, 2017 li bih ai termini tal-artikolu 392B (1) tal-Kodici Kriminali, wara l-ammissjoni ordat li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali u li r-Registratur ta' din il-Qorti jkun notifikat b'din l-ammissjoni;

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Settembru, 2017 li biha ddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Patryk Henryk Stawicki, prezentat fil-25 ta' Frar, 2019 fit-termini tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodici Kriminali fejn iddikjaraw illi qieghdin jaqblu u konsegwentement qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti timponi fuq il-hati Patryk Henryk Stawicki piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' disa' (9) snin u sitt (6) xhur, flimkien ma' multa ta' tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u / jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli w immobbli appartenenti lill-istess Patryk Henryk Stawicki.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li rat id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV u VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, artikolu 11(1), 15A, 22(1)(a), (1B), u (2)(a)(i) tal-Kapitolu 101, Regolamenti dwar il-Kontroll intern tad-droga perikoluza (GN292/1939), Reg 9 tal-LS 101.02; kif ukoll l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-22 ta' Awwissu, 2017, tiddikjara lil Patryk Henryk Stawicki hati taz-zewg kapi ta' akkuzi migjuba kontra tieghu talli:

Fid-19 ta' Marzu, 2017 u fil-gimghat ta' qabel din id-data :

1. Importa, jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Din il-Qorti taderixxi mar-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u l-akkuzat u ghalhekk taqbel mal-piena kif maqbula bejn il-partijiet tenut kont il-quantum ta' droga, jigifieri ta' 957 gramma kokaina, u dan wara li hadet in konsiderazzjoni l-piena moghtija f'kawzi kriminali sia lokalment kif ukoll fl-esteru.

Wara li rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat;

Tikkundanna lill-akkuzat Patryk Henryk Stawicki ghall-piena ta' disa' (9) snin u sitt (6) xhur prigunerija, flimkien ma' multa ta' tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000). Tikkundanna wkoll lill-hati jhallas is-somma ta' elf, mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,163.88), import ta' spejjez peritali inkorsi fil-kawza, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli tal-hati.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, sakemm fi zmien hmistax –il jum millum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tkun prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi u b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun hekk distrutta.